**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 14 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1876/97 AJM

Kawza numru

Arva Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' estera Maritime Insurance Company Limited kif surrgata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom P. Cutajar & Co. Ltd

Vs

Air Malta Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Awissu 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi s-socjeta' konvenuta garret il-merkanzija li kienet destinata ghall-assikurat ta' l-attur nomine u waqt li din kienet fil-pussess u taht il-kontroll taghha din twaqqghet u jew gralha hsara, almenu hekk deher apparentement, u ghalhekk l-importatur u l-attur nomine riedu li tigi ezaminata bir-reqqa minn min ghandu l-esperjenza

fil-mestjer sabiex tkun tista' jsir claim validu kontra minn garr l-istess makkinarju ossia s-socjeta' konvenuta; illi meta intalab dan is-socjeta' konvenuta, filwaqt li accettat li seta' gara xi hsara fl-imsemmija makkinarju ma accettatx li din tintbghad lura l-Amerika sabiex tigi ezaminata, kif riedu l-atturi nomine u l-importatur stess u minflok ghalhekk l-importatur gjab Malta tekniku huwa stess li wara li ezamina l-makkinarju, iccertifika li, nonostante li l-magna kienet giet manomessa mis-socjeta' konvenuta, fortunatament ma garrbitx hsarat interni, hlief li kellha danni fuq barra; illi l-atturi gew mitluba sabiex jhallsu lill-assikurat taghhom l-ammont li huma sborsaw fi hlasijiet ta' onorarju professjonali lit-tekniku li ngab Malta kif ukoll l-ispejjes anncillari ghall-wasla tieghu Malta, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u d-danni li garrbet, kif fil-fatt ghamlu u issurrogaw lid-ditta attrici fid-drittijiet taghhom kontra s-socjeta' konvenuta, liema somma pero' s-socjeta' konvenuta ma tridx thallas lis-socjeta' attrici; illi dan ir-rifjut da parti tas-socjeta' konvenuta li thallas ghal dawn id-danni huwa inspjegabbli stante li l-istess gew kkawzati minhabba it-traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' hila fl-esercizzju tal-professjoni taghhom stess; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li sofra l-attur nomine konsistenti f'pagamenti li l-attur inkorra fi flus versu l-assikurati tieghu billi hallashom kif kien doverus, da parti tieghu, li ghandu jaghmel l-ammont li qieghed jigi issa reklamat minghand is-socjeta' konvenuta u li ghalihom gie surrogat kontra l-istess socjeta' konvenuta , u
2. tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine dawk id-danni hekk likwidati u cioe is-somma ta' LM984.84, kif ukoll l-ammont ta' LM230 sbursati bhala survey fees, b'kollox

is-somma ta’ LM1214.84, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni u bl-ispejjes konprizi dawk ta’ ittra legali u konsult ammontanti ghall-LM20 kontra is-socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-22 ta’ Mejju 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda in kwantu ma gara l-ebda incident fil-kors tat-trasport fit-termini tal-kondizzjonijiet tal-garr u tal-Warsaw Convention.
2. Bla pregudizzju ghal premess is-socjeta’ konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghall-spiza konsegwenzjali u kappriccuza meta dannu fil-merce trasportata ma rrizultax.
3. F’kull kaz qed tigi eccepita l-limitazzjoni tar-responsabbilita’ ghal dak li hu risarciment u dan skond kif mahsub fl-artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta’ Varsavja.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-27 ta’ Mejju 1998 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza intbghatet quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta’ Jannar 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti, liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-22 ta' Settembru 1996 is-socjeta' konvenuta fuq rikjesta tas-socjeta' P. Cutajar & Co Ltd ttrasportat minn l-Olanda lejn Malta magna konsistenti f'Printing Plate Equipment permezz tal-flight numru KM6430. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'makkinarju soffistikat u ta' valur kbir.

Meta l-merkanzija waslet hawn Malta u r-rappresentant tas-socjeta' importatrici mar l-Ajruport biex jirtiraha sab li kien hemm xi hsara fl-imballagg tal-makkinarju u ghalhekk ikkomunika ma' rappresentant tal-importatur sabiex qabel ma tigi rtirata l-merkanzija isir survey u tinzamm responsabbli s-socjeta' konvenuta ghal dak kollu li setghet sofriet l-merkanzija waqt it-tragit. Giet avvicnata s-socjeta' assikuratrici tal-importatur li eventwalment qabdet lil Valletta Survey Company Limited, socjeta' ta' surveyors, biex issir 'inspection' qabel ma issir id-'delivery' tal-merkanzija. Jidher pero' li kien hemm xi oggezzjoni da parti tal-impjegati tas-socjeta' konvenuta li s-survey jsir fl-istabiliment taghha u ghalhekk sar ir-"release" tal-merkanzija u din giet spezzjonata fil-Bonded Stores tas-socjeta' P. Cutajar & Co. Hemm irrizulta li l-kaxxa tal-kartun li fiha kien hemm il-magna, kienet imcarta fuq tlett nahat u it-'Tip-n-tell indicator' kien 'severly disturbed'. Meta l-imballagg tnehha irrizulta li l-magna kellha xi 'dents'.

Billi l-makkinarju in kwistjoni kien tat-tip soffistikat li ma jistax jissewwa hawn Malta fit-22 ta' Ottubru 1996 is-socjeta' P. Cutajar & Co. kitbet lis-socjeta' konvenuta fejn infurmata "We wish to inform you that the manufacturers of the above equipment have advised that the equipment cannot be checked or repaired in Malta. It will have to be returned to Rochester, New York, USA. In view of this, we strongly recommend that you survey the equipment without prejudice." B'risposta ghal din l-ittra l-Manager Cargo Services tas-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Ottubru 1996 kiteb lis-socjeta' P. Cutajar fejn bazikament oggezzjona li l-magna tintbaghad l-Amerika billi ma kien hemm ebda garanzija li din "will not suffer new damage or perhaps aggravate any possible damage which it may have incurred." U kompla hekk: "In this respect, we must re-iterate our views that the equipment should be tested and trial runs undertaken as if no incident had occurred and we action in accordance with the outcome of the tests."

Minn din l-ittra wiehed jifhem li s-socjeta' konvenuta kienet tal-opinjoni li l-magna setghet tiffunzjona – daqs li kieku ma kien gara xejn. Izda mix-xhieda ta' Joseph Seychell, il-persuna responsabbli ghas-shipping kollu tas-socjeta' P. Cutajar, jirrizulta li kien hemm xi hsara li kienet tirrendiha mhux funzjonabbli.Dan xhed hekk "Iddecidejna ahna (li ingiebu persuna teknika minn barra) meta infethet il-kaxxa u dehret li mhix funzjonabbli ghax kien hemm xi hgieg li kien jahdem u ma setghux jimmuvjaw, iddecidejna li jigu s-suppliers biex jiccertifikaw jekk kienx oggett zghir li jista jissewwa jew inkella le."

Eventwalment jidher li fl-20 ta' Novembru 1996 wasal Malta ingineer tas-socjeta' AB Dick li kienet ghamlet il-konsenja tal-makkinarju. Is-socjeta' konvenuta kienet giet infurmata bil wasla tieghu u fil-21 ta'

Novembru 1996 fil-presenza ta' Lawrence Schembri, Manager Cargo tas-socjeta' konvenuta, il-magna giet kummissjonata u gie dikjarat li, hlief ghal hsara li garrbet fuq barra, ma kienx hemm danni lill-apparat.

Is-socjeta' P. Cutajar & Co ghalhekk issottomettiet 'claim' mas-socjeta' attrici sabiex tirkupra l-ispejjes konnessi mal-migja f'Malta tal-ingineer tas-socjeta' AB Dick kif ukoll ghal kumpens talli l-magna kienet ser tittiehed fli stat li kienet u cioe bid-'dents'. B'kollox fl-ammont ta' LM984.84. Dan l-ammont, skond is-socjeta' Valletta Survey Company Limited kien ragionevoli u b'hekk thallas. Is-socjeta' attrici illum qeghdha titlob rifjuzjoni ta' dan il-hlas oltre is-somma ta' LM230 sborsata bhala 'Survey fee' lil Valletta Survey Company Limited.

Il-konvenut ressaq diversi eccezzjonijiet ghat-talba attrici.

Fl-ewwel lok qed jinghad li t-talba ghandha tigi michuda inkwantu ma gara l-ebda incident fil-kors tat-trasport fit-termini tal-kondizzjonijiet tal-garr u tal-Warsaw Convention. Dwar din l-eccezzjoni ghandu jigi osservat li l-konvenut la ressaq prova dwar il-kondizzjonijiet tal-garr u lanqas ma indika ghal liema parti mill-Warsaw Convention kien qed jirreferi. Inoltre mill-provi prodotti jirrizulta car li almenu parti mill-claim tirriferi ghall-hsara kagunata fil-makkinarju waqt li din kienet fil-pussess u taht il-kontroll tas-socjeta' konvenuta. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda.

Fit-tieni lok s-socjeta' konvenuta qed isostni li ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghall-spiza konsegwenzjali u kapriccuza meta dannu fil-merce trasportata ma tirrizultax. Issa normalment spiza konnessa ma survey sabiex tigi determinata l-hsara f'merkanzija li tkun ingarret minn

terza persuna, dejjem tigi kunsidrata bhala spiza necessarja u rakkomandabbli li ssir fl-interess mhux biss tad-danneggat izda ukoll tad-danneggant. Fil-kaz in ezami qed jinghad li din l-ispiza kienet kapriccuza billi finalment irrizulta li l-merkanzija ma kelliex hsara u partikolarment dak it-tip ta' hsara li kien jinnecessita l-presenza f'Malta ta' ingineer tas-socjeta' estera. Fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sottomissjoni hija zbaljata ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Meta waslet l-magna in kwistjoni kien jidher li xi haga kien gara tant hu hekk li l-imballagg kien imcarrat, it-Tip-n-tell metre kien "severly disturbed" u meta inkixfet il-magna irrizulta li kien hemm hsara f'panels taghha.

b) Din il-magna hija wahda soffistikata billi tipproduci fotgrafikament il-'credit cards'. Ghalhekk ma kienux jezistu hawn Malta persuni bl-esperjenza mehtiega mhux biss biex jsewwu l-hsara li setghet garrbet izda lanqas nies li setghu jkunu komptetenti biex jiddikjaraw li kien hemm hsara. Dan jirrizulta mill-fax tas-socjeta' P. Cutajar & Co Dok LS4 (fol 79) fejn l-istess socjeta' manifatturici tal-magna ssugeriet li l-magna tintbaghad lura.

c) Minghajr din l-inspection ta' persuna idonea qatt ma seta' jkun hemm ic-certezza fuq il-kondizzjoni tal-magna. Kien ghalhekk jinhtieg li din jew tintbghad l-Amerika jew tigi persuna specjalizzata biex taghmel il-'commissioning' hawn Malta.

d) Is-socjeta' importatrici, b'rispett lejn ix-xewqat tas-socjeta' konvenuta (vide dok LS5 fol 80) ghazlet li timminimizza l-ispiza involuta u gjabet persuna minn barra. Is-socjeta' konvenuta kienet a konoxxenza ta' din id-decizjoni u anke rappresentant gholi tal-istess socjeta' attenda ghas-survey u commissioning.

e) Illi ghalhekk il-fatt li l-magna ma kellha ebda hsara sinifikanti bhala rizultat tal-incident li gara waqt li din kienet fil-pussess

tas-socjeta' konvenuta, ma jistax, kif qed tipproponi l-istess socjeta' konvenuta, jintuza bhala argument kontra d-dritt li jingabru l-ispejjes inkorsi sabiex jigi determinat dan il-fatt. Jigi osservat li kieku wara li giet l-persuna minn barra rrizulta hsara ingenti jew ta' certa entita fil-magna li kien jinnecessita tiswijiet, is-socjeta' konvenuta kienet tkun responsabbli mhux biss ghall-ispejjes tat-tiswija izda ukoll ghal dawk l-ispejjes kollha konnessi mal-espert inkarigat.

Illi fl-ahharnett fir-rigward tal-eccezzjoni tal-limitazzjoni tar-responsabbilita' a termini ta' l-artikolu 22 tal Warsaw Convention jigi rilevat li dan l-artikolu jitkellem dwar kumpens ghall-hsara f'merkanzija u ma jsemmi xejn dwar spejjes inkorsi sabiex tigi determinata l-ezistenza o meno ta' tali hsara. Inoltre, anke jekk l-artikolu in kwistjoni jkopri spejjes bhal dawk imsemmija, tenut kont tat-toqol tal-magna u cioe 578.5 kilogrammi, l-ammont reklamat ma jeccedix l-kwota rizervata bhala kumpens tant il-kilogramm skond l-istess artikolu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tilqa' t-talba attrici u konsewgentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u erbatax-l lira maltin erbgha u tmenin centezimu (LM1214.84) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri